MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 139/1998/1

Joseph Buttigieg

Vs

Alfred Cini

Il-Qorti,

**Talba ghall-hlas ta' bilanc ghal xoghol li sar mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut – Preskrizzjoni.**

Rat l-avviz prezentat fis-16 ta' Novembru 1998 li permezz tieghu l-attur qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' sebgha mitt lira Maltija (Lm700) hlas ta' xoghol fuq torn, materjal u parts provduti fuq inkarigu tieghu.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fit-3 ta’ Marzu 1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:-

1. Il-preskrizzjoni ta’ tmintax-il xahar a tenur tal-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.
2. Fil-meritu u bla pregudizzju, il-konvenut m’ghandu jaghti xejn lill-attur.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza wara li l-process gie rikostruwit.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2007 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:-

1. B’riferenza ghall-ewwel eccezzjoni l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili (Kap. 16) jaqra:-*“L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ tmintax-il xahar: (a) l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, ag[entieri, arluggara u ta’ persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta’ l-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu”.*

Mill-atti jirrizulta li fit-18 ta’ Awwissu 1997 giet prezentata ittra ufficjali li permezz taghha l-attur interpella lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta’ sebgha mitt lira Maltija (Lm700) ghax-xoghol li hu meritu ta’ din il-kawza. Il-Qorti rat ukoll l-atti ta’ din l-iittra ufficjali, minn fejn jirrizulta li l-konvenut gie notifikat biha dakinhar stess li giet prezentata. Mill-provi jirrizulta wkoll li l-konvenut ghamel zewg pagamenti [4 ta’ Lulju 1996 fl-ammont ta’ mitejn lira Maltija (Lm200) u 6 ta’ Awwissu 1996 fl-ammont ta’ mitt lira Maltija (Lm100)]. Ghalhekk m’hemmx dubju li kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

2. Skond ix-xhieda moghtija mill-attur[1] quddiem il-perit tekniku Joseph Zammit, qieghed jitlob il-hlas fir-rigward ta' torn (sabiex jigi manifatturat xoghol ta' fuhhar) li hadem fuq inkarigu tal-konvenut. Spjega wkoll li:-

- Ma kienux ftehemu prezz ghaliex il-konvenut kien ilu jahdem ghandu ghal hmistax-il sena u dejjem hallsu;

- Talab lill-kovenut ihallsu s-somma ta' elf u erbghin lira Maltija (Lm1,040) li minnhom hallsu tlett mitt lira Maltija (Lm300);

- Fuq inkarigu tal-konvenut ghamel xoghol iehor fuq din l-ghodda. Sussegwentement irrizulta li l-konvenut ghamel modifiki;

- Il-konvenut ghad fadallu jhallas is-somma ta' sitt mija u sitta u erbghin lira Maltija (Lm646);

- Il-kont ma kienx fl-ammont ta' elf u sitta u tletin lira Maltija (Lm1,036) imma ta' disgha mija u sitta u erbghin lira Maltija (Lm946). Fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2001 sar verbal fis-sens li *"Dr. Michael Grech b'riferenza ghall-kont esebit jaqbel li dan fih zball fil-konteggar billi l-ammont riportat minn pagna tlieta ghal pagna 4 fih zieda ta' disghin lira Maltin (Lm90) u ghalhekk l-ammont totali ghandu jigi ridott b'dawn id-disghin lira Maltin (Lm90)"*;

- In kontro-ezami (seduta tal-11 ta' Gunju 2007) l-attur iddikjara: *"Jiena qabel bdejt ix-xoghol tieghi kont tajtu stima lill-konvenut. Ghidtlu illi bejn wiehed u iehor se jiswih xi tlett mitt lira Maltin (Lm300). Dan l-apparat kien tajjeb biex isiru garar tal-fuhhar gholjin, bejn wiehed u iehor peid u nofs (1½ '). Wara rega' gie ghandi l-konvenut u qalli illi ried apparat sabiex jaghmel garar gholjin sitt piedi (6'). Jien ghamilt dan ix-xoghol u dan l-apparat ghamiltulu jahdem b'mod awtomatiku. It-tieni bicca xoghol kienet giet tiswa' bejn sitt mija u seba' mitt lira Maltin (Lm600-Lm700)"*. Spjega wkoll li l-hlas li qieghed

[1] Seduta tal-14 ta' Mejju 2004 quddiem il-perit tekniku Joseph Zammit.

jippretendi hu biss ghax-xogho tat-torn. Dwar xiri ta' parts, fil-kors tax-xoghol kien igharraf lill-konvenut qabel jinxtraw;

3. Mix-xhieda li ta l-konvenut jidher li l-kontestazzjoni tieghu hi:-

(a) It-torn ma kienx tajjeb ghall-iskop li ghalih riedu (biex ikun jista' jahdem garar tal-fuhha gholi sitt piedi);

(b) L-ammont pretiz hu ezagerat. Fil-fatt xehed li *"…jiena kont ghamilt verifiki u sirt naf li torn second hand ta' dak id-daqs professionally made l-Ingilterra ma jiswiex aktar minn Lm1,000"* u li ma fihx iktar minn erbgha u ghoxrin (24) siegha biex tahdmu.

Sussegwentement, fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2007 id-difensur tal-konvenut ivverbalizza li l-ilment tal-konvenut hu fir-rigward tal-ammont li qieghed jintalab mill-attur. Il-Qorti ghalhekk ser tillimita ruhha biex tittratta dan l-ilment. Fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2007 gie verbalizzat:- *"Dr. Anton Refalo ghall-konvenut bhala linja ta' difiza tieghu u a bazi tas-sentenza minnu gia esebita jissottometti illi l-o neru tal-prova kienet dejjem f'idejn l-attur li **jipprova illi l-kont realment huwa dovut** u l-grad ta' prova rikjesta mil-ligi anke a bazi tax-xhieda tieghu huwa ma pprovax illi l-ammont kollhu kif indikat minnu huwa dovut"*.

4. Sfortunatament, jirrizulta li l-ghodda in kwistjoni m'ghadhiex tezisti. Fil-fatt meta l-perit tekniku qal li jrid jaghmel access sabiex jezamina t-torn, il-konvenut iddikjara li *"….il-fond li kien izomm it-torn in kwistjoni gie mahtut u ma kienx f'posizzjoni li jghid fejn jinsab it-torn ghalissa"*. Ghalhekk talab li jinghata zmien sabiex jsib din l-ghodda (seduta tal-1 ta' Lulju 2005). Fit-13 ta' April 2006 sar access u l-perit tekniku vverbalizza li t-torn kien ***"….zarmat, u kollox mitluq u imsaddad"***. Il-perit tekniku spjega wkoll li *"…. Dwar il-kostruzzjoni tieghu kif kien mahdum ma jinsabu l-ebda dimensions jew literature dwaru. Dawn ghalkemm l-esponent talabhom lill-partijiet,*

*it-tnejn qalu li ma jezistux”*. Sahansitra fil-kors ta’ dan l-access gie konfermat li l-konvenut ghamel modifikazzjonijiet fuq l-ghodda. F’dan ix-xenarju l-perit tekniku spjega lill-Qorti li ma seta’ jasal ghal ebda konkluzjoni bil-konsegwenza li l-inkarigu tal-perit tekniku gie revokat b’digriet moghti fit-13 ta’ April 2007[2]. Ghalhekk ma kienx possibbli li jigu verifikati l-ilmenti tal-konvenut. Sfortunatament kien biss fl-24 ta’ Gunju 2003 li gie mahtur perit tekniku f’dan il-kaz (igifieri kwazi hames snin wara li giet intavolata l-kawza). Mill-atti lanqas ma rrizulta li meta kienu qeghdin jingabru l-provi mill-perit tekniku, l-attur pprova jispjega kif wasal ghac-cifra li qieghed jitlob fis-sens li jaghti spjega tax-xogholijiet li ghamel u dettalji dwar spejjez li saru.

5. Fil-kors tat-trattazzjoni orali, id-difensur tal-konvenut ghamel riferenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Imhallef M. Caruana Curran) fis-27 ta’ Mejju 1970. Dik is-sentenza kienet tittratta kwistjoni dwar pagament ta’ debitu, u fuq min kienet tispetta l-prova f’kaz li l-konvenut jiddefendi ruhu li kien hallas id-dejn. Fil-kaz odjern il-fatti huma differenti. Hu minnu li min jallega jrid jaghti prova; *“L’obbligo della prova spetta a chi adduce il fatto produttivo della conseguenza giuridica cui intende; quindi all’attore incombe l’obbligo di provare il fatto che e’ fondamento dell’azione da lui promossa: actori incumbit onus probandi; al convenuto a sua volta incombe l’obbligo di provare il fatto che e’ fondamento dell’eccezione da lui opposta alla domanda dell’attore: reus excipiendo fit actor”* (*Manuale di Diritto Civile Italiano*, Quinta Edizione, 1931, UTET pagna 205).

Hu minnu li dan hu kaz fejn tressqu provi konfliggenti. Madankollu b’daqshekk il-Qorti ma tistax taqbad u taghlaq

---

[2] *“Il-Qorti ivverifikat mal-perit gudizzjarju Joseph Zammit xi progress qieghed isir f’din il-kawza, li min-naha tieghu kkonferma li huwa ghamel access biex jara t-torn izda minn dak li rrizulta waqt l-access huwa gie muri biss parti zghira minnu u l-konvenut gharrfu li l-partijiet l-ohra ma jafx fejn jinsabu u ghalhekk m’huwiex f’posizzjoni li jaqdi l-inkarigu tieghu”.*

ghajnejha u tichad fl-intjier taghha t-talba tal-attur; *"mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-"in dubio pro reo". Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha … … . Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc talprobabilita` u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant … … . Anzi, f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita` tal-qerq da parti ta' xi wiehed millkontendenti".* (**Carmelo Farrugia -vs- Rokku Farrugia**, Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966 per Imhallef Maurice Caruana Curran).

6. Dik li kellha tkun l-ahjar prova (l-ghodda li l-attur hadem fuq inkarigu tal-konvenut) m'ghadhiex tezisti. Il-kovenut xehed li: *"Nghid li l-kont mahrug minn Buttigieg mhuwiex reali. Nibda biex nghid li jiena kont ghamilt verifiki u sirt naf li torn second hand ta' dak id-daqs professionally made l-Ingilterra ma jiswiex aktar minn Lm1,000. Nispjega li l-apparat li kien ghamilli Buttigieg kien jikkonsisti fi tlett piedi hadid taz-zewg pulzieri wisa', mutur u cioe winch li partatna jiena u Buttigieg, belt, switch u flus ta' tlett piedi bil-kamin. Nikkalkula li materjal ma kienx jiswa aktar minn Lm50. Nghid li ma fihx art biex taghmlu. Nikkalkula li fih erba u ghoxrin siegha xoghol u mhux izjed"*. In kontro-ezami (seduta tat-18 ta' Ottubru 2007) l-konvenut baqa' jsostni li l-ammont pretiz mill-attur kien eccessiv. Ghalkemm fl-istess seduta ddikjara li *"kieku x-xoghol gie sew, jiena kont inhallsu l-prezz li talabni"*. Dikjarazzjoni li fil-fehma tal-Qorti hi fiha nnifisha kontradittorja ma' dawk li *"l-ghodda hi semplici hafna. Jiena nghid illi ma swietx dawk il-flus li talabni l-attur.*

*Bhala spejjez nghid illi ma kellux iktar minn hamsin (50) lira"* u *"ma fiehx inginerija biex taghmlu dan it-torn"* (kontro-ezami seduta tat-18 ta' Ottubru 2007). Kieku l-konvenut halla l-ghodda ntatta, il-perit tekniku kien ikun jista' jezamina l-ghodda u jara jekk dak li qieghed jallega l-konvenut ghandux mis-sewwa kif ukoll jekk l-ammont pretiz mill-attur huwiex eccessiv. Dik li kienet l-ahjar prova, tista' tghid li giet distrutta ghal kollox mill-konvenut, ghalkemm mill-atti ma jirrizultax f'liema stadju sehh dan (igifieri huwiex qabel saret il-kawza jew fil-mori ta' dawn il-proceduri). Ghalkemm din il-kawza ilha pendenti disgha (9) snin, il-provi huma skarsi ghall-ahhar. Dan apparti l-fatt li mill-kont li gie prezentat mill-attur u n-notamenti tal-attur (li fihom hemm ukoll riferenza ghal xoghol li sar lil terzi) il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni li tghid jekk il-hlas pretiz mill-attur huwiex gust jew jekk sarx dak ix-xoghol kollu elenkat. Dan qieghed jinghad in kwantu mill-provi rrizulta li qabel beda x-xoghol ma sarx ebda ftehim dwar il-prezz.

7. Wara li l-Qorti hasbet fit-tul dwar dan il-kaz u qieset fost'affarijiet ohra li:-

(a) Ix-xhieda moghtija mill-attur u l-fatt li lanqas ma pprezenta ricevuti tal-parts li xtara sabiex ghamel din l-ghodda u l-fatt li naqas milli jispjega fuq liema bazi wasal biex jiffissa il-prezzijiet li jissemmew fil-kont. L-attur kien jaf li kellu kwistjoni ma' l-attur, u l-fatt li llum il-gurnata hu rtirat ma jfissirx li ma messux zamm ir-ricevuti dwar din il-kwistjoni;

(b) Il-fatt li ma gie pattwit l-ebda prezz bejn il-kontendenti. Skond ix-xhieda moghtija mill-attur kien biss fir-rigward tal-ewwel bicca xoghol li kien ta ndikazzjoni lill-konvenut li l-ghodda ser tiswa bejn wiehed u iehor tlett mitt lira Maltija (Lm300). Skond l-attur imbaghad sar xoghol iehor biex ikunu jistghu jsiru garar tal-fuhhar kbar, izda l-attur naqas milli jaghti spjega kif il-kont tela' daqshekk. Min-naha tal-konvenut ikkontesta dan il-fatt u anzi xehed li *"jiena qatt ma tlabt lill-attur saiex jimmodifikali fl-gholi tat-torn. It-torn jiena kont ridtu sabiex fuqu nkun nista' nahdem garra tat-tafal, daqs kbir"*;

(c) Il-fatt li l-konvenut baqa' jzomm l-ghodda u sahansitra ha bicciet minnha u uzahom ghall-affarijiet ohra. Minhabba f'hekk ma kienx possibbli ghall-perit tekniku li jezamina l-ghodda u jaghti l-parir tieghu dwar il-pretenzjoni tal-attur u l-ilment tal-konvenut;

(d) Il-fatt li hemm xi items li fil-kont ma jirreferux ghax-xoghol tat-torn. Fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2007 l-attur xehed, *"Qieghed nara n-nota li jiena kont ipprezentajt fl-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn (2000) u li maghha hemm kont dettaljat tal-hlasijiet li qieghed nippretendi. Ghadni kif immarkajt b'salib ahmar dawk l-items fil-kont jirreferu ghax-xoghol li jiena ghamilt lill-konvenut fir-rigward tat-torn"* u kompla jghid li ***"Illum il-gurnata fadal biss x'nithallas ix-xoghol tat-torn illi jien ghamilt lill-konvenut"*** (seduta li saret quddiem il-perit tekniku fl-14 ta' Mejju 2004);

(e) Il-fatt li l-konvenut stess ikkonferma li mill-ammont globali ta' elf u sitta u tletin lira Maltija (Lm1,036), l-ammont dovut kien ta' disgha mija u sitta u erbghin lira Maltija (Lm946), li minnhom il-konvenut hallas is-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300). Kompla jghid li ghalhekk qieghed jippretendi hlas ta' sitt mija u sitta u erbghin lira Maltija (Lm646);

qeghda fuq bazi ta' *arbitrio boni viri* tnaqqas is-somma ta' tlett mija u sitta u erbghin lira Maltija (Lm346) mill-ammont pretiz mill-attur.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300) u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300). Bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Awwissu 1996.

Spejjez ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet, b'dan li l-ispejjez dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------